MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Numru. 110/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**KONTRA**

**SEAN GRIMA**
**SILVIO ROBERTS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sean Grima ta’ 25 sena, bin missier mhux maghruf u Veronica Grima, mwieled Pieta’ nhar l- 10 ta’ Ottubru 1984, residenti Josette, Triq il- Gran Mastri, M’Scala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 497884(M);

U

Silvio Roberts ta’ 19- il sena, bin Paul u Carmen nee’ Bianco, mwieled Pieta’ nhar is- 26 ta’ Novembru 1990, residenti fil- fond 1, Triq il- Habs l- Antik, Isla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 228491(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli fid- 29 ta’ Dicembru 2008 ghall- habta tat- 3.00am gewwa l- istabbiliment Playline fi Triq D’Argens, Gzira;

1) ikkommettew serq ta’ flus u/ jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur, li jeccedi l- elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Ewro u seba’ w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad- detriment ta’ Sharlon Pace u/ jew ta’ persuni ohra;

2) bla ordni skond il- Ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Christian Agius u zewg persuni ohra mhux maghrufa, kontra l- volonta’ taghhom;

3) filwaqt li kienu qed jaghmelu delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq, kellhom fuqhom arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Talli fid- 29 ta’ Dicembru 2008 ghall- habta tat- 3.00am u/jew fix- xhur ta’ qabel kif ukoll wara din id- data f’ dawn il- Gzejjer;

4) zammew f’ xi fond jew kellhom fil- pussess taghhom, taht il- kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond, xi arma tan- nar, jew munizzjon, elenkati fl- Iskeda II tal- Kapitolu 480 (Att Dwar l- Armi), minghajr ma kellhom licenzja tal- istess Att;

Iktar talli fid- 9 ta’ Frar 2009;

5) naqsu milli jharsu xi kondizzjoni imposta fuqhom meta huma inhelsu mill- arrest kif hemm provdut fl- Artikolu 355 AL (3) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Lil Sean Grima, wahdu akkuzat ukoll talli;

6) kiser il- provediment tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentena datata 17 ta' Jannar 2007 fejn l- istess Sean Grima kien misjub hati ta' reat ta' attenta ta' serq aggravat u kien gie lliberat bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

7) akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- ARtikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' diversi sentenzi mghotija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ghazlu li jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet mressqa kontrihom meta l-kawza kienet riesqa lejn it-tmiem taghha. Il-Qorti kellha ghalhekk l-opportunita' tisma' l-provi kollha tal-prosekuzzjoni f' dan il-kaz, u l-provi juru bic-car li l-imputati, flimkien ma' terz li baqa' mhux identifikat, wettqu serqa b' armi fittizji minn gewwa stabbiliment kummercjali, waqt li kien hemm

diversi nies fl-istess stabbiliment. Dan l-agir m' huwiex bravata taz-zoghzija, izda hu agir ghal kollox irresponsabbli u kkundannabbli, u ma jista' qatt jigi accettat minn hadd. Id-dannu li dawn iz-zewg zghazagh ghamlu lis-socjeta' huwa irreparabbli, u ghaldaqstant ghandhom jinghataw il-piena idoneja ghal dan ir-reat.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, l-imputati ghandhom fedina penali differenti ghal xulxin. Fil-waqt li dik ta' Roberts hi ghal kollox netta, dik ta' Grima fiha storja ta' sensiela ta' reati ghal eta' daqshekk tenera. Di fatti, l-imputat Grima ghandu imputazzjonijiet ohra apparti dawk ta' serq aggravat, inkluz ksur ta' ordni ta' Probation u r-recidiva. Ghalhekk il-piena ghandha ukoll tkun differenti minn wiehed ghall-iehor. Madankollu, il-piena ser tkun wahda ta' prigunerija, fil-kaz ta' wiehed sospiza b' supervizjoni, u fil-kaz tal-iehor effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 274, 276A, 277, 278, 278, 280, 281(a), 86,87, 275 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta. L-Artikoli 3, 4, 5, 41, 51, 55(a), 56, 57, 60, 61 u l- Iskeda III tat- Taqsima II tal- Kaptiolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 18 u 64 tal- Kapitolu 9 tal- Ligiijiet ta' Malta. L-Artikoli 23, 24, 25, 32, 35(3), 52, 54, 55, 58 u l- Iskeda I-III tat- Taqsima II tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta. L-Artikoli 339 (1) (b), 338(dd), 328(A), 383, 384, 385, 386, 412C, 23, 23A, 23B, 287 ,49 ,50, 289, 355AL(3), 17, 30, 31,289,532A,532B u 533 tal- Kapitolu 9 atl- Ligijiet ta' Malta u 7 u 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Silvio Roberts hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Issib ukoll lill- imputat Sean Grima hati u ghaldaqtant tikkundannah terminu ta’ sentejn prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------